## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' April, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 536/2021**

***VASSALLO BUILDERS LIMITED***

***VS.***

***IL-PERIT DAVID FELICE, IL-PERIT DAVID DRAGO U L-PERIT KONRAD BUHAGIAR F'ISIMHOM PROPRIO U GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TA' AP VALLETTA ĠIÀ MAGĦRUFA BĦALA ARCHITECTURE PROJECT, IL-PERIT DANICA MIFSUD, PHOENICIA HOTEL COMPANY LIMITED U PHOENICIA MALTA LIMITED GĦAL KULL INTERESS LI JISTA' JKOLLHA***

**Il-Qorti**:

1. Dan huwa digriet dwar talba tal-konvenuti perit David Feliċe, perit David Drago, perit Konrad Buħaġiar, AP Valletta u l-perit Danica Mifsud magħmula b'rikors tal-**<u>5 ta' Ottubru, 2021</u>** (ara paġni 212 sa 215 tal-atti tal-kawża) sabiex din il-qorti tiddeċiedi qabel kull ħaġa oħra l-eċċezzjonijiet preliminari dwar il-leġittimazzjoni passiva tagħhom f'din il-kawża;

2. Il-kumpannija attriċi wieġbet għal dan ir-rikors fid-**<u>29 ta' Ottubru, 2021</u>**, filwaqt li l-konvenuti Phoenicia Hotel Company Limited u Phoenicia Malta Limited wieġbu fit-**<u>18 ta' Marzu, 2022</u>**. F'dawn iż-żewġ risposti tqajmet oġġezzjoni għal din it-talba;

3. Il-qorti tibda billi tgħid li kif tajjeb qalet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Avukat Tonio Azzopardi v. Avukat Ġenerali*** mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2019, «*li kawża tinqata' b'sentenza waħda hija r-regola mhux l-eċċezzjoni.*»;

4. F'dan il-każ, il-qorti jidhrilha li għalissa huwa xieraq li ma tilqax din it-talba sabiex hija tagħti sentenza parzjali fuq l-eċċezzjonijiet preliminari qabel ma tqis il-meritu. Dan għaliex din il-qorti, b'digriet ieħor li sejjer jingħata llum stess, sejra tilqa' talba tal-konvenuti Phoenicia Hotel Company Limited u Phoenicia Malta Limited sabiex twaqqaf dawn il-proċeduri skont l-**artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta** u l-**artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** sakemm jibdew u jiġu deċiżi proċeduri ta' arbitraġġ. Għalhekk ladarba ħa jkun hemm il-waqfien ta' dawn il-proċeduri, ikun inutli li din il-qorti tagħti digriet dwar kif hija sejra tagħti s-sentenza tagħha f'din il-kawża;

5. Il-qorti qiegħda żżomm f'moħħha wkoll hawnhekk, li kif tajjeb tenniet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***L-Onorevoli Kap Tal-Oppożizzjoni l-Avukat Adrian Delia v. Onorevoli Prim Ministru ta' Malta*** mogħtija fid-29 ta' Marzu, 2019, provvediment bħal dan, dwar kif ħa tinqata' kawża, għandu min-natura ta' digriet interlokutorju għaliex huwa maħsub biex jirregola t-tmexxija tal-kawża. Minħabba f'hekk, ma hemm xejn x'iżomm lill-qorti li tkun tagħtu milli, jekk 'il quddiem tinġabilha raġuni sewwa, titbiegħed minnu. Dan hu hekk għaliex provvedimenti bħal dawn ma jagħmlux ġudikat għall-qorti li tkun tagħtu (ara **artikolu 230 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**);

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, din il-qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** għalissa t-talba magħmula fir-rikors tal-5 ta' Ottubru, 2021.

| | |
|---|---|
| **Christian Falzon Scerri** | **Mary Josephine Musu** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |